MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2006

Rikors Numru. 27/1999/1

Rikors Nru: 27/99

Agent Kummissarju ta' l-Artijiet

vs

Josephine Sant, Suzanne Sant, Audrey Sant, Vincent Sant

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti Agent Direttur ta' l-Artijietipprezentat fl-4 ta' Gunju, 1999 fejn espona:

Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 12 ta' Marzu, 1999 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera ta' bicca art fil-limiti ta' l-Imdina, H'Attard u Mosta tal-kejl ta' cirka 42 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika, minn Nosfinhar ma'

prorpjeta' ta' Guzeppi Sant u mix-Xlokk ma' proprjeta' ta' Catherine Camilleri huwa ta' tletin lira Maltin (Lm30.00) kif jidher mir-rapport tal-Perit Frederick H Valentino A&C.E. ta' l-4 ta' Mejju,1998, li kopja tieghu (Dok A) hija annessa ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tal-5 t'April, 1999 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' sitt elef lira (Lm6,000) it-tomna.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitolb bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jitrasferixxu favur ir-rikorrenti b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera ta' bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minn floku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88).
Ra r-risposta ta' l-intimati fejn esponew illi:

Illi l-kumpens offert mill-Kummissarju tal-Artijiet fl-ammont ta' Lm30 huwa wiehed ridikolu stante illi bir-rata ta' Lm6,000 it-tomna l-art li giet espproprijata mill-inqas tiswa Lm225.

Ra li l-partijiet gew notifikati bl-atti kollha.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra d-digriet tieghu tas-27 ta' Settembru 2004 li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Joseph Mizzi u l-AIC David Pace.

Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti teknici

Ikkunsidra:

1. Ir-rikorrent qed jaghti kumpens ta’ Lm30. L-intimati qed jitolbu Lm225 ta’ 42 metri kwadri (fir-rikors tissemma s-somma ta’ Lm6,000 imma dan hu l-valur ta’ tomna)

2. Il-periti mahtura mill-Bord wara li stabbilew li l-art agrikola kif imfisser fil-ligi stmaw il-proprjeta’ fl-ammont ta’ Lm112.

Ghalhekk il-Bord jordna lill-intimati li jittrasferixxu favur ir-rikorrent b’titolu ta’ xiri assolut bhala franka u libera ta’ bicca art fil-limiti tal-Imdina, H’Attard u Mosta ta’ kejl ta’ cirka 42metri kwadri bil-kumpens ta’ Lm112;

Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli jew lin-nutar li jkun qed jaghmilha floku bhala n-nutar tar-rikorrent biex jippubblika l-att fl-ufficju tar-rikorrent nhar id-29 ta’ Marzu, 2006 fid-9:45a.m. u jahtar lill-avukat Guido Pace Spadaro biex jidher fuq l-att ghall-kontumaci.

L-ispejjez ghandhom jigu sofferti mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita’ kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------